

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/486/PESK

tal-1 ta' Awwissu 2011

dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

(5) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Billi:

(1) Fis-27 ta' Mejju 2002, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK dwar miżuri restrittivi kontra Osama bin Laden, membri tal-organizzazzjoni Al-Qaida u t-Talibani u individwi oħrajn, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom⁽¹⁾.

(2) Fis-17 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni ("UNSCR") 1988 (2011) li tirrikonoxxi li s-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Afganistan evolviet u li xi membri tat-Taliban irrikonċiljaw mal-Gvern tal-Afganistan, ċaħdu l-ideoloġija terroristika ta' Al-Qaida u s-segwaċi tagħha, u jappoġġaw riżoluzzjoni ta' paċi għall-konflitt li qed ikompli fl-Afganistan.

(3) L-UNSCR 1988 (2011) irrikonoxxiet ukoll li minkejja l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fl-Afganistan u l-progress fir-rikonċiljazzjoni, is-sitwazzjoni tibqa' theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u rriafferma il-ħtieġa għall-ġlieda kontra din it-theddida.

(4) L-UNSCR 1988 (2011) imponiet ukoll ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-individwi u l-entitajiet nominati qabel is-17 ta' Ġunju 2011 bħat-Taliban, u individwi, gruppi, impriżi u entitajiet oħrajn assoċjati magħhom, kif speċifikat fit-Taqsima A ("Individwi assoċjati mat-Taliban") u t-Taqsima B ("entitajiet u gruppi u impriżi oħra assoċjati mat-Taliban") tal-Lista Konsolidata tal-Kumitat stabbilita skont ir-Riżoluzzjonijiet UNSCR 1267 (1999) u UNSCR 1333 (2000) tas-17 ta' Ġunju 2011, kif ukoll individwi, gruppi, impriżi u entitajiet oħrajn assoċjati mat-Taliban fit-theddida għall-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Afganistan kif nominati mill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit skont il-paragrafu 30 tal-UNSCR 1988 (2011) (minn issa "il-Kumitat tas-Sanzjonijiet").

1. Il-miżuri restrittivi kif previsti fl-Artikolu 2, l-Artikoli 3(1) u 4(1) u (2) għandhom jiġu imposti fir-rigward tal-individwi u l-entitajiet nominati qabel is-17 ta' Ġunju 2011 bħat-Taliban, u individwi, gruppi, impriżi u entitajiet oħrajn assoċjati magħhom, kif speċifikat fit-Taqsima A ("Individwi assoċjati mat-Taliban") u t-Taqsima B ("entitajiet u gruppi u impriżi oħra assoċjati mat-Taliban") tal-Lista Konsolidata tal-Kumitat stabbilita skont UNSCR 1267 (1999) u UNSCR 1333 (2000) mis-17 ta' Ġunju 2011, kif ukoll individwi, gruppi, impriżi u entitajiet oħrajn assoċjati mat-Taliban fit-theddida għall-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Afganistan kif nominati mill- tas-Sanzjonijiet.

2. L-individwi, il-gruppi, l-impriżi u l-entitajiet rilevanti huma elenkati fl-Anness.

Artikolu 2

Fir-rigward tal-individwi, gruppi, impriżi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu l-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment diretti jew indiretti lilhom, mit-territorji tal-Istati Membri jew minn ċittadini tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru tal-Istati Membri, ta' armi u materjal relatat ta' kull tip inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u l-partijiet ta' dawn ta' hawn fuq, u l-parir, l-assistenza jew it-taħriġ tekniku relatati mal-attivitajiet militari.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimpedixxu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-transitu minnhom, tal-individwi msemmija fl-Artikolu 1.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jobbliga lil Stat Membru jiċħad id-dħul fit-territorju tiegħu liċ-ċittadini tiegħu stess.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta d-dħul jew it-transitu huwa meħtieġ biex jiġi sodisfatt proċess ġudizzjarju jew meta l-Kumitat tas-Sanzjonijiet jiddetermina, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss, li d-dħul jew it-transitu huwa ġustifikat, inkluż meta dan ikun direttament relatat mal-isforzi ta' appoġġ mill-Gvern tal-Afganistan għall-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 4.

4. F'każijiet fejn, skont il-paragrafu 3, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-transitu minnu, ta' individwi nominati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih tingħata u għall-individwi kkonċernati minnha.

Artikolu 4

1. Il-fondi u l-assi finanzjarji jew ir-riżorsi ekonomiċi kollha ta' individwi, gruppi, impriżi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1, inklużi l-fondi derivati mill-proprjetà tagħhom jew ikkontrollata direttament jew indirettament, minnhom jew minn persuni li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, għandhom jiġu ffriżati.

2. Il-fondi, l-assi finanzjarji jew ir-riżorsi ekonomiċi m'għandhomx isiru disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju ta' individwi, gruppi, impriżi u entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu eżenzjonijiet mill-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 fir-rigward ta' fondi u assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra li huma:

- (a) meħtieġa għal spejjeż bażiċi, inklużi l-ħlas għal prodotti tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u trattament mediku, taxxi, poloz ta' assigurazzjoni, u kontijiet ta' servizzi pubbliċi;
- (b) maħsubin esklużivament għall-ħlas ta' drittijiet professjonali raġonevoli u r-rimborż ta' spejjeż assoċjati mal-forniment ta' servizzi legali;
- (c) maħsubin esklużivament għall-ħlas ta' drittijiet jew imposti ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni regolari ta' fondi, riżorsi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra ffriżati;
- (d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u b'approvazzjoni minnu;

4. L-eżenzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 3 jistgħu jsiru wara notifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet mill-Istat Membru kkonċernat tal-intenzjoni tiegħu li jawtorizza, fejn adatt, aċċess għal tali fondi, assi jew riżorsi, u fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn tali notifika.

5. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

- (a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet jew
- (b) ħlasijiet dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li nħolqu qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għal miżuri restrittivi,

dment li kwalunkwe imgħax, dħul u pagamenti oħrajn bħal dawn jibqgħu soġġetti għall-paragrafu 1.

Artikolu 5

Il-Kunsill għandu jstabilixxi l-lista li tinsab fl-Anness u jemendaha f'konformità mad-determinazzjonijiet magħmula mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

Artikolu 6

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jelenka individwu, grupp, impriża jew entità, il-Kunsill għandu jinkludi tali individwu, grupp, impriża jew entità fl-Anness. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista, lill-individwu, grupp, impriża jew entità kkonċernata, direttament jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali individwu, grupp, impriża jew entità jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

2. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew fejn jiġu ppreżentati provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jerġa' jeżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-individwu, grupp, impriża jew entità kif adatt.

Artikolu 7

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista tal-individwi, il-gruppi, l-impriżi jew l-entitajiet ipprovduti mill-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

2. L-Anness għandu jinkludi wkoll, fejn disponibbli, informazzjoni pprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet li hija meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-individwi, il-gruppi, l-impriżi u l-entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward tal-individwi, tali informazzjoni tista' tinkludi ismijiet inklużi l-pseudonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numru tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-gruppi, l-impriżi jew l-entitajiet tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju. L-Anness għandu jinkludi wkoll id-data ta' nominazzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha terġa' tiġi eżaminata, emendata jew revokata, kif adatt, skont id-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DOWGIELEWICZ

ANNEX

LISTA TA' INDIVIDWI, GRUPPI, IMPRIŻI U ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

A. Individwi assoċjati mat-Taliban

(1) Abdul Baqi.

Titolu: (a) Maulavi, (b) Mullah. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** (a) Gvernatur tal-provinċji ta' Khost u Paktika taħt ir-reġim Taliban; (b) Viċi-Ministru tal-Infommazzjoni u l-Kultura taħt ir-reġim Taliban; (c) Id-Dipartiment Konsolari tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1962. **Post tat-twelid:** Belt ta' Jalalabad, Provinċja ta' Nangarhar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** maħsub li jinsab fiż-żona tal-frontiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(2) Abdul Qadeer Abdul Baseer.

Titolu: (a) Ġeneral, (b) Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché Militari, fl-"Ambaxxata" Taliban f'Islamabad, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1964. **Post tat-twelid:** Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000974 (passaport Afgan). **Informazzjoni oħra:** ripatrijat fl-Afganistan fi Frar 2006. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(3) Amir Abdullah (magħruf ukoll bħala Amir Abdullah Sahib).

Indirizz: Karachi, Pakistan. **Data tat-twelid:** appross. 1972. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Paktika, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 20.7.2010.

Informazzjoni addizzjonali mis-sommarju narrattiv tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Amir Abdullah kien it-teżorier tal-mexxej anzjan Taliban Abdul Ghani Baradar (T.I.B.24.01.) u qabel kien il-viċi tal-gvernatur Taliban tal-provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Amir Abdullah ivvjaġġa lejn il-Kuwajt, l-Arabja Sawdija, il-Libja u l-Emirati Għarab Magħquda biex jiġbor fondi għat-Taliban. Huwa ffaċilita wkoll il-komunikazzjoni għat-tmexxija Talibana u kkoordinata laqgħat ta' livell għoli fil-parti tad-dar maħsuba għall-mistednin tar-residenza tiegħu fil-Pakistan. Abdullah għen lil bosta membri anzjani Talibani li ħarbu mill-Afganistan fl-2001 biex jistabbilixxu ruħhom fil-Pakistan.

(4) Abdul Manan.

Titolu: (a) Sur, (b) Mawlawi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché Kummerċjali, l-Ambaxxata Talibana, Abu Dhabi. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(5) Abdul Razaq.

Titolu: Maulavi. **Data tat-twelid:** approssimattivament (appross.) 1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandaab, provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Ministru tal-Kummerċ (reġim Taliban), (b) arrestat fl-2003 fil-Provinċja ta' Kandhar fl-Afganistan. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

(6) Abdul Wahab.

Titolu: Malawi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Chargé d'Affaires Taliban f'Riyadh taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1973. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Faryab, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(7) Abdul Rahman Agha.

Titolu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Prim Imhalled tal-Qorti Militari tar-Reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandaab, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(8) Abdul Wasay Mu'tasim Agha. (magħruf ukoll bħala (a) Mutasim Aga Jan, (b) Agha Jan, (c) Abdul Wasay Agha Jan Motasem).

Titolu: Mullah. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Finanzi tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1968. **Post tat-twelid:** Belt ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

(9) Janan Agha.

Titolu: Mullah. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Fariab (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1958. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Uruzgan Ċentrali, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (10) Sayed Mohammad Azim **Agha** (magħruf ukoll bħala **(a)** Sayed Mohammad Azim Agha, **(b)** Agha Saheb).

Titolu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Impjegat mad-Dipartiment tal-Passaporti u l-Viżi tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1966. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (11) Sayyed Ghiassouddine **Agha** (magħruf ukoll bħala **(a)** Sayed Ghiasuddin Sayed Ghousuddin, **(b)** Sayyed Ghayasudin, **(a)** Sayed Ghias).

Titolu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Ministru tal-Affarijiet tal-Ħaj u Affarijiet Reliġjużi tar-reġim Taliban; **(b)** Ministru tal-Edukazzjoni tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1958 u l-1963. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Faryab, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Faryab, Afganistan minn Mejju 2007, **(b)** Involut fit-traffikar tad-droga. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

- (12) Mohammad **Ahmadi**.

Titolu: **(a)** Mullah, **(b)** Haji. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** President tal-Bank Da Afghanistan taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1963. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Daman, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (13) Mohammad Shafiq **Ahmadi**.

Titolu: Mullah. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Samangan (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (14) **Ahmadullah** (magħruf ukoll bħala Ahmadulla)

Titolu: Qari. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tas-Sigurtà (Intelligence) tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1975. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Qarabagh, Provinċja ta' Ghazni, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Allegatament miet f'Diċembru 2001. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (15) Abdul Bari **Akhund** (magħruf ukoll bħala Haji Mullah Sahib).

Titolu: **(a)** Maulavi, **(b)** Mullah. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Helmand taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1953. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Helmand, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Wieħed minn seba' membri tal-kumitat ta' tmexxija Taliban f'Kandahar, Afganistan minn Mejju 2007, **(b)** Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (16) Ahmed Jan **Akhund**.

Titolu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Ilma u d-Dawl tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1958 u l-1958. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (17) Attiqullah **Akhund**.

Titolu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Agrikoltura tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1953. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Shawali Kott, Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (18) Hamidullah **Akhund**.

Titolu: Mullah. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Kap ta' Ariana Afghan Airlines taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1968. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (19) Mohammad Hassan **Akhund**.

Titolu: **(a)** Mullah, **(b)** Haji. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** L-Ewwel Viċi, Kunsill tal-Ministri tar-reġim Taliban; **(b)** Ministru tal-Affarijiet Barranin qabel Wakil Ahmad Mutawakil taħt ir-reġim Taliban; **(c)** Gvernatur ta' Kandahar taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1958. **Post tat-twelid:** Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Mill-fazzjoni tal-Malwhavi Khaalis, waħda mis-seba' fazzjonijiet tal-Ġiħad kontra s-Sovjetiċi, **(b)** gradwat minn madrassa f'Quetta, il-Pakistan, **(c)** kollaboratur qrib ta' Mullah Omar. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (20) Mohammad Abbas **Akhund**.

Titolu: Mullah. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tas-Saħħa Pubblika tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1963. **Post tat-twelid:** Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (21) Mohammad Essa **Akhund**.

Titolu: (a) Alhaj, (b) Mullah. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Ilma, is-Sanità u d-Dawl tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Spinboldak, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (22) Ubaidullah **Akhund** (magħruf ukoll bħala (a) Obaidullah Akhund, (b) Obaid Ullah Akhund).

Titolu (a) Mullah, (b) Hadji, (c) Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tad-Difiża tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1968. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Wieħed mid-deputati ta' Mullah Omar, (b) Membru tat-tmexxija Taliban, responsabbli għall-operazzjonijiet militari. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (23) Ahmad Jan Akhundzada Shukoor **Akhundzada** (magħruf ukoll bħala (a) Ahmad Jan Akhundzada (b) Ahmad Jan Akhund Zada).

Titolu: (a) Maulavi, (b) Mullah. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Zabol (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Membru Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan, fil-bidu tal-2007. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (24) Mohammad Eshaq **Akhundzada**.

Titolu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Laghman (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1963 u l-1968. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Qarabajh, Provinċja ta' Ghazni, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (25) Agha Jan **Alizai** (magħruf ukoll bħala (a) Haji Agha Jan Alizai (b) Hajji Agha Jan (c) Agha Jan Alazai (d) Haji Loi Lala (e) Loi Agha).

Titolu: Haji. **Data tat-twelid:** (a) 15.10.1963, (b) 14.2.1973, (c) 1967, (d) appross. 1957. **Post tat-twelid:** (a) Raħal ta' Hitemchai, Provinċja ta' Helmand, Afganistan; (b) Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 4.11.2010.

Informazzjoni addizzjonali mis-sommarju narrattiv tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Agha Jan Alizai mexxa wieħed mill-ikbar networks ta' traffikar tad-drogi f'Helmand, l-Afganistan, u pprova fondi għat-Taliban bi skambju għall-protezzjoni tal-attivitajiet tiegħu ta' traffikar tan-narkotiċi. Fl-2008, grupp ta' traffikanti tan-narkotiċi, inkluż Alizai, qabel li titħallas it-taxxa Taliban fuq l-art fejn kien jinżergħa l-peprin xahxiehi bi skambju għall-qbil Taliban li jiġi organizzat it-trasport għal materjali narkotiċi. It-Talibani qablu wkoll li jipprovdu s-sigurtà għat-traffikanti tan-narkotiċi u s-siti ta' ħżin taġġhom, filwaqt li t-traffikanti jipprovdu kenn u trasport għall-ġellieda Taliban. Alizai kien ukoll involut fix-xiri ta' armi għat-Taliban u vvaġġa regolament lejn il-Pakistan biex jiltaqa' ma' mexxejja anzjani Taliban. Alizai ffaċilita wkoll l-akkwist ta' passaporti qarrieqa Iranjani minn membri Taliban sabiex dawn jivvaġġaw lejn l-Iran għal taħriġ. Fl-2009, Alizai pprova passaport u fondi lil kmandant Taliban biex jivvaġġa lejn l-Iran.

- (26) Allahdad (magħruf ukoll bħala Akhund).

Titolu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Kostruzzjoni tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1953. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Spinboldak, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

- (27) Aminullah **Amin**.

Titolu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Saripul (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (28) Mohammad Sadiq **Amir Mohammad**.

Titolu: (a) Alhaj, (b) Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tal-Aġenzija tal-Kummerċ Afgana, Peshawar, Pakistan taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** 1934. **Post tat-twelid:** Ghazni, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** SE 011252 (passaport Afgan). **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (29) Muhammad Taher **Anwari** (magħruf ukoll bħala **(a)** Mohammad Taher Anwari, **(b)** Haji Mudir).

Titolu: Mullah. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista:** Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi tar-reġim Taliban, **(b)** Ministru tal-Finanzi tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** appross. 1961. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Zurmant, Provinċja ta' Paktia, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (30) Arefullah **Aref**.

Titolu: Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Finanzi tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Appross. 1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Zurmant, provinċja ta' Paktia, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

- (31) Sayed Esmatullah **Asem** (magħruf ukoll bħala Esmatullah Asem).

Titolu: Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Viċi Ministru tal-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù tar-reġim Taliban, **(b)** Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Afgana tan-Nofs Qamar Aħmar (ARCS) taħt ir-reġim Taliban **Data tat-twelid:** Appross. 1967. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ningarhar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tat-tmexxija Talibana minn Mejju 2007, **(b)** Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(c)** Membru tal-Kunsill Taliban ta' Peshawar. **Data tan-nomina min-NU:** 22.2.2001.

- (32) Atiqullah.

Titolu: **(a)** Hadji, **(b)** Molla. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi tar-reġim Taliban. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni addizzjonali mis-sinteżi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Wara li Kabul inqabdet mit-Taliban fl-1996, Atiqullah inħatar għal pożizzjoni f'Kandahar. Fl-1999 jew l-2000, huwa nhar l-ewwel Viċi Ministru tal-Agricoltura, imbagħad Viċi Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi fir-reġim Taliban.

Wara l-waqgħa tar-reġim Taliban, Atiqullah sar uffiċjali tal-operazzjonijiet Talibani fin-nofsinar tal-Afganistan. Fl-2008, huwa sar viċi tal-Gvernatur Taliban tal-provinċja ta' Helmland, l-Afganistan.

- (33) Azizrahman.

Titolu: Sur. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** It-Tielet Segretarju, l-Ambaxxata Talibana, Abu Dhabi. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (34) Abdul Ghani **Baradar** (magħruf ukoll bħala Mullah Baradar Akhund).

Titolu: Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tad-Difiża tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Appross. 1968. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Weetmak, distrett ta' Dehrawood, provinċja ta' Uruzgan, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Jappartjeni għat-tribù ta' Popalzai, **(b)** Kmandant militari anzjan Taliban u membru tal-"Kunsill Quetta" Taliban minn Mejju 2007, **(c)** Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (35) Shahabuddin **Delawar**.

Titolu: Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi tal-Qorti Superjuri tar-Reġim Taliban. **Data tat-twelid:** 1957. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Logar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (36) Dost **Mohammad** (magħruf ukoll bħala Doost Mohammad).

Titolu: **(a)** Mullah, **(b)** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Ghazni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1968 u l-1973. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Daman, provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Wieħed mill-kmandanti militari Taliban minn Mejju 2007, **(b)** Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (37) Mohammad Azam **Elmi**.

Titolu: Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Minjieri u l-Industriji tar-Reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Appross. 1968. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** allegatament miet fl-2005. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(38) **Faiz.**

Titolu: Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tad-Dipartiment tal-Infommazzjoni, Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Appross.1968. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(39) Rustum Hanafi **Habibullah** (magħruf ukoll bħala Rostam Nuristani).

Titolu: Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Appross. 1963. **Post tat-twelid:** Dara Kolum, distrett ta' Do Aab, provinċja ta' Nuristan, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Membru Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Nuristan, Afganistan, minn Mejju 2007. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(40) Gul Ahmad **Hakimi.**

Titolu: Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché Kummerċjali, "Konsulat Ġenerali" Taliban, Karachi. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(41) Abdullah **Hamad.**

Titolu: Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Konslu Ġenerali, "Konsulat Ġenerali" Taliban, Quetta, Pakistan. **Data tat-twelid:** 1972. **Post tat-twelid:** Helmand, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 00857 (maħruġ fl-20.11.1997). **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(42) **Hamdullah.**

Titolu: Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Attaché tar-Ripatrijazzjoni, il-"Konsulat Ġenerali" Taliban, Quetta. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(43) Zabihullah **Hamidi;**

Raġuni għall-inklużjoni fil-lista: Viċi Ministru tal-Edukazzjoni Għolja tar-reġim Taliban. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(44) Din Mohammad **Hanif** (magħruf ukoll bħala Qari Din Mohammad).

Titolu: Qari. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** (a) Ministru tal-Ippjanar tar-reġim Taliban, (b) Ministru tal-Edukazzjoni Għolja tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Appross. 1955. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Badakhshan, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(45) Abdul Jalil **Haqqani** (magħruf ukoll bħala Nazar Jan).

Titolu: (a) Maulavi, (b) Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Appross.1963. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandaab, provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, (b) Membru tat-tmexxija Talibana minn Mejju 2007, (c) Membru tal-Kummissjoni Finanzjarja tal-Kunsill Taliban. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

(46) Badruddin **Haqqani** (magħruf ukoll bħala Atiqullah).

Indirizz: Miram Shah, Pakistan. **Data tat-twelid:** Appross. 1975-79. **Informazzjoni oħra:** (a) Kmandant operazzjonali tan-Netwerk ta' Haqqani u membru tax-shura Talibana f'Miram Shah, (b) Għen fit-tmexxija ta' attacki kontra miri fix-Xlokk tal-Afganistan, (c) Iben Jalaluddin Haqqani, hu Sirajuddin Jallaloudine Haqqani u Nasiruddin Haqqani, in-neputi ta' Khalil Ahmed Haqqani. **Data tan-nomina min-NU:** 11.5.2011.

Informazzjoni addizzjonali mis-sinteżi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet 1988(2011):

Badruddin Haqqani huwa l-kmandant tal-operazzjonijiet għan-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mill-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. In-Netwerk ta' Haqqani jinsab fuq quddiem nett tal-attivajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan, responsabbli għal bosta attacki ta' profil għoli. It-tmexxija tan-Netwerk ta' Haqqani hija magħmula mit-tliet ulied il-kbar tal-fundatur tiegħu Jalaluddin Haqqani (T.I.H.40.01), li nqas mar-reġim Taliban ta' Mullah Mohammed Omar (T.I.O.4.01) f'nofs is-snin 90. Badruddin huwa iben Jalaluddin u hu Nasiruddin Haqqani (T.I.H.146.10) u Sirajuddin Haqqani (T.I.H.144.07), kif ukoll in-neputi ta' Khalil Ahmed Haqqani (T.I.H.150.11). **Data tan-nomina min-NU:** 11.5.2011.

Badruddin jgħin fit-tmexxija tar-ribelli assoċjati mat-Taliban u l-ġellieda barranin fl-attakki kontra miri fix-xlokk tal-Afganistan. Badruddin ipoġġi fuq ix-shura Miram Shah Taliban, li għandha awtorità fuq l-attivitajiet tan-Netwerk ta' Haqqani.

Huwa maħsub ukoll li Badruddin huwa responsabbli għal ħtif għan-Netwerk ta' Haqqani. Huwa kien responsabbli għall-ħtif ta' bosta Afgani u ċittadini barranin fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

(47) Ezatullah **Haqqani**.

Titolu: Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Ippjanar tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Appross. 1957. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Laghman, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

(48) Jalaluddin **Haqqani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Jalaluddin **Haqqani**, **(b)** Jallalouddin **Haqqani**, **(c)** Jallalouddine Haqqani).

Titolu: Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Affarijiet tal-Fruntieri tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Appross. 1942. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Khost, distrett ta' Zadran, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Missier Sirajuddin Jallalouddine Haqqani; **(b)** Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; **(c)** Għalkemm ġie rrapportat mejjet f'Ġunju 2007, kien għadu ħaj f'Mejju 2008. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

(49) Khalil Ahmed **Haqqani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Khalil Al-Rahman Haqqani, **(b)** Khalil ur Rahman Haqqani, **(c)** Khaleel Haqqani).

Titolu: Haji. **Indirizz:** **(a)** Peshawar, Pakistan; **(b)** Qrib Dergey Manday Madrasa fir-Raħal ta' Dergey Manday, qrib Miram Shah, Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan (NWA), Żoni Tribali Amministrati Federalment (FATA), Pakistan, **(c)** Raħal ta' Kayla ħdejn Miram Shah, Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan (NWA), Żoni Tribali Amministrati Federalment (FATA), Pakistan; **(d)** ir-Raħal ta' Sarana Zadran, Provinċja ta' Paktia, Afganistan. **Data tat-twelid:** **(a)** 1.1.1966, **(b)** Bejn l-1958 u l-1964. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru anzjan tan-Netwerk ta' Haqqani, li jopera 'l barra mit-Tramuntana ta' Waziristan fiż-Żoni Tribali tal-Pakistan Amministrati Federalment; **(b)** Qabel kien invvaġġa lejn, u ġabar fondi f'Dubai, Emirati Għarab Magħquda; **(c)** Hu Jalaluddin Haqqani u ziju ta' Sirajuddin Jallalouddine Haqqani. **Data tan-nomina min-NU:** 9.2.2011.

Informazzjoni addizzjonali mis-sinteżi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 1988(2011):

Khalil Ahmed Haqqani huwa membru anzjan tan-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mill-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. In-Netwerk ta' Haqqani, li jinsab fuq quddiem nett tal-attivitajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan, twaqqaf minn hu Khalil Haqqani, Jalaluddin Haqqani (TL.H.40.01.), li nġaqad mar-reġim Taliban ta' Mullah Mohammed Omar (TL.O.4.01.) f'nofs is-snin 90.

Khalil Haqqani jieħu sehem f'attivitajiet ta' ġbir ta' fondi fisem it-Taliban u n-Netwerk ta' Haqqani, u ta' spiss jivvaġġa barra mill-pajjiż biex jiltaqa' ma' persuni li jagħtu appoġġ finanzjarju. Minn Settembru 2009, Khalil Haqqani vvaġġa lejn l-istati tal-Golf u ġabar fondi minn sorsi hemmhekk, kif ukoll minn sorsi fin-Nofsinhar u fil-Lvant tal-Asja.

Khalil Haqqani jipprovi wkoll appoġġ lit-Taliban u lin-Netwerk ta' Haqqani li joperaw fl-Afganistan. Minn kmieni fl-2010, Khalil Haqqani pprova fondi lil ċelloli Talibani fil-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. Fl-2009, Khalil Haqqani pprova u kkontrolla madwar 160 kumbattenti fil-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan, u kien wieħed minn diversi persuni responsabbli għad-detenzjoni ta' prigionieri għedewwa maqbuda mit-Taliban u min-Netwerk ta' Haqqani. Khalil Haqqani ħa ordnijiet għall-operazzjonijiet Talibani minn Sirajuddin Haqqani (TL.H.144.07), in-neputi tiegħu.

Khalil Haqqani aġixxa wkoll fisem Al-Qaida (QE.A.4.01) u kellu konnessjoni mal-operazzjonijiet militari tagħha. Fl-2002, Khalil Haqqani skjera persunal biex jissaħħu elementi ta' Al-Qaida fil-Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan.

(50) Mohammad Moslim **Haqqani** (magħruf ukoll bħala Moslim **Haqqani**).

Titolu: Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Viċi Ministru tal-Affarijiet tal-Ħaj u Affarijiet Reliġjużi tar-reġim Taliban, **(b)** Viċi Ministru tal-Edukazzjoni Għolja tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Appross. 1958. **Post tat-twelid:** provinċja ta' Baghlan, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (51) Mohammad Salim **Haqqani**.

Titolu: Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Appross. 1967. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Mill-provinċja ta' Laghman. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

- (52) Nasiruddin **Haqqani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Naseer Haqqani, **(b)** Dr. Naseer Haqqani, **(c)** Nassir Haqqani, **(d)** Nashir Haqqani, **(e)** Naseruddin, **(f)** Dr. Alim Ghair).

Indirizz: Pakistan. **Data tat-twelid:** Appross. 1970-1973. **Post tat-twelid:** Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Assoċjat man-Netwerk ta' Haqqani, li jopera 'l barra mit-Tramuntana ta' Waziristan fiż-Żoni Tribali tal-Pakistan Amministrati federalment. **Data tan-nomina min-NU:** 20.7.2010.

Informazzjoni addizzjonali mis-sinteżi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

